MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1291/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Giuseppi Farrugia**

Kumpilazzjoni Numru: 1291/2011

**Illum 10 ta' Dicembru 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppi Farrugia, ta' 59 sena, bin Salvu u Giuseppa nee' Grixti, imwieled Zurrieq, fit-30 ta' Gunju, 1952 u residenti fil-fond numru

114, Mayflower, Triq il-Bronja, Zurrieq u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 543052(M).

Akkuzat talli:

B`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b`risoluzzjoni wahda billi:

1. Fil-21 ta` Novembru, 2011 u zminijiet qabel waqt li kien gewwa l-Biccerija li tinsab fi Triq il-Princep Albert, Marsa ikommetta serq ta` skieken u ghodod ohra liema serq hu ikkwalifikat bil-persuna, u valur li ma jeccedix 2329.37 ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta.

2. Ukoll talli nhar il-21 ta` Novembru, 2011 f`xi hinijiet bejn 7am u 1pm waqt li kien gewwa l-Biccerija li tinsab fi Triq il-Princep Albert, Marsa ikkommetta serq ta` flus ghal-valur ta` madwar 25 ewro minn Vending Machine tal-ikel liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz u bil-persuna ghad-detriment tal-Gvern ta` Malta u Joe Micallef.

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi xjentament xtara jew laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b`kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti huma ghodod u skieken propjeta` tal-Gvern ta` Malta.

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli, li kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraq l-istess oggetti li huma propjeta` tal-Gvern ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex f`kaz ta` htija taht l-artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta il-Qorti tapplika l-Interdizzjoni Generali tal-imsemmi Giuseppi Farrugia.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali lil permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bghala Qorti ta’ Guikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

a) 18, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280 u 281(a);
b) 261(b)(d), 263, 264, 265, 268(d), 278(2) u 281(a);
c) 18 u 334;
d) 18 u 127; u
e) 17, 18, 23, 31 u 533.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrivolvi dwar serq mill-biccerija. Gara li fil-21 ta' Novembru 2011 giet sgassata l-vending machine li hemm fil-canteen u nsteraq il-kontenut taghha kif ukoll il-flus li kien fiha. Fil-kors ta'l-investigazzjoni taghhom il-pulizija ghamlu tfittxija ghand diversi persuni li jahdmu il-biccerija u waqt li kienu qed jaghmlu tfixxija ghand l-imputat sabu tnejn u ghoxrin (22) sikkina; dawn ma kenux skiken li normalment wiehed juza f'kcina jew fid-dar imma skiken li normalment jintuzaw f'biccerija.
Illi hemm erbgha imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat: serq aggravat bil-valur u bil-persuna b'referenza ghall-allegat serq tas-sikiken; serq aggravat bil-mezz u persuna b'referenza ghas-serq tal-kontenut tal-vending machine; ricettazzjoni; u li ghamel uzu hazin jew seraq l-ghoddod tax-xoghol tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-fatt li fil-pussess ta'l-imputat instabu tnejn u ghoxrin sikkina tat-tip li jintuzaw f'biccerija mhux kontestat. Il-prosekuzzjoni qed tallega li dawn huma sikiken tal-biccerija tal-Gvern u li nsterqu minn hemm mill-imputat.

Illi xehdu zewg persuni mill-biccerija u mid-depozizzjoni taghhom jirrizulta li kull biccier jinhargulu tlett skiken, wahda differenti mill-ohra, kull wahda minnhom intiza ghal tip ta' xoghol specifiku. Meta s-sikkina ma tibqax tajba ghax-xoghol jinghatawlu skiken godda; meta tinghatalu sikkina gdida suppost jirritorna dik uzata. Jirrizulta ukoll li ghalkemm il-bicciera mhux suppost johorgu l-iskiken mill-

biccerija, minhabba li kien ikun serq mill-lockers id-dirigenti tal-biccerija tacitament kienu jippermettu lilll-bicciera johorgu l-iskiken mill-biccerija diment li jirritornawhom biex ikollhm b'xiex jahdmu. Dawn iz-zewg xhieda gharfu is-skiken sekwestrati minghand l-imputat bhala identici ghal dawk uzati fil-biccerija pero ma setghux jghidu li kienu propju dawk li kienu uzati fil-biccerija.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Huwa jammetti li uhud mill-iskiken kienu tal-biccerija pero jallega li kien kemm ohrajn li xtara hu minghand terzi.

Illi dwar il-verzjoni ta'l-imputat ghandu jigi rilevat mill-ewwel li l-imputat mhux biss ta verzjonijiet differenti meta wiehed jikkompara l-istqarrija u d-depozizzjoni, imma anke waqt id-depozizzjoni ikkontradica lilu nnifsu dwar l-aktar punt importanti: u cioe kemm mill-iskiken xtara u kemm ha mill-biccerija. Huwa fattur determinanti li l-imputat jammetti li huwa ha skiken mil-biccerija; id-dubbju li qed johloq huwa dwar kemm il-sikkina ha.

Illi f'l-istqarrija l-ewwel jghid li l-iskiken li instabu ghandu huma "tax-xoghol" pero wara, ghal mistoqsija jekk dawk it-tnejn u ghoxrin sikkina humiex kollha tieghu jghid li minnhim kien xtara erbgha; naturalment il-konkluzjoni logika hi  li r-rimanennti tmintax kienu tal-biccerija. Waqt li kien qed jiddeponi quddiem din il-Qorti qal li f'l-istqarrija hemm imnizzel il-kontra ta' dak li qal; l-implikazzjoni hi li tmintax il-sikkina kienu tieghu u li l-erbgha l-ohra kienu tal-biccerija; hu fil-fatt jghid kien izommhom ghandu minhabba is-serq mill-lockers. Ftit wara jghid li skiken tal-biccerija li kien izzomm id-dar minhabba serq mill-lockers kienu sitta, li mis-skiken li instabu d-dar tieghu ghaxra kienu godda u kien xtrahom minghand certu Grezzju Falzon u li l-ohrajn kienu skiken tal-biccerija li fi kliemu kienu "spiccaw mis-servizz". Pero mbaghad waqt il-kontro ezami jerga jibdel il-verzjoni tieghu. Huwa accetta li tul il-snin li kien ilu jahdem il-biccerija huwa warred 'l fuq minn ghoxrin sikkina u dan minghajr ma informa lil hadd mid-dirigenti tal-biccerija.

Illi dawn il-verzjonijiet differenti ta'l-imputat ghandhom jigu ezaminati anke fid-dawl ta' dak li qalu z-zewg dirigenti tal-biccerija u cioe li kull biccier jinghatawlu tlett skiken ghax-xoghol. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwar il-veracita ta' din l-asserzjoni ghalhekk jekk l-imputat kien jiehu l-iskiken li kien juza ghax-xoghol id-dar setgha jiehu massimu ta' tlett skiken u mhux sitta.

Illi anke kieku l-Qorti kellha taghti lill-imputat il-benefficju tad-dubbju u taccetta l-verzjoni tieghu li huwa kien xtara ghaxar skieken u li kellu t-tlieta li kienu qed juza ghax-xoghol imma kien izomm id-dar minhabba serq mill-lockers xorta tibqa l-ammissjoni tieghu li huwa kien ha numru ta' skieken mill-biccerija li fil-fehma tieghu kienu "spiccaw mis-servizz". Dawn kienu jammontaw ghal disgha. Huwa kien jaf li dawn l-iskiken ma kenux tieghu u, ex admissis ukoll, ma talabx il-permess biex jiehu ghalih dawn is-skiken. Huwa jammetti ukoll li kien jiehu dawn l-iskiken ghaliex hu kien dilettant tas-skiken.

Illi fil-fehma tal-Qorti, u tenut kont tal-gurisprudenza u dottrina dwar l-element intenzjonali tar-reat ta' serq li m'ghandux ikun necessarjament wiehed pekunjarju imma anke ta' kwalunkwe godiment ghall-imputat, dan jissodisfa l-elementi kollha biex jissussisti r-reat ta' serq addebietat lill-imputat inkluz dak intenzjonali.

Illi skond ic-citazzjoni u anke n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat b'serq aggravat bil-valur u bil-persuna. M'hemm l-ebda dubbju li l-aggravju tal-persuna jirrizulta stante li l-imputat ha l-iskiken minn fuq il-posta tax-xoghol tieghu. Dwar l-aggravju tal-valur ghandu jinghand li mill-atti jirrizulta x'inhu il-prezz tat-tlett tipi ta' skiken uzati fil-biccerija; ma jirrizultax pero, mid-disgha skiken li l-imputat zgur ha mill-biccerija, kemm minn kull tip kien hemm. Ghalhekk il-Qorti ser ikollha tassumi li kienu l-irhas mit-tlieta u cioe €32.61. Anke jekk tiehu dan il-prezz bhala l-prezz tad-disgha skiken li l-imputat zgur ha mill-biccerija l-valur komplessiv jaqbez is-somma ta' €232.94; l-aggravju tal-valur ghalhekk huwa pruvat ukoll.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' serq aggravat bil-mezz u persuna u tirreferi ghas-serq ta'oggetti ta' l-iekel u flus mill-vending machine.

Illi din l-imputazzjoni tirrizulta mhux biss mill-provi prodotti imma anke mill-ammissjoni ta'l-imputat kemm fil-kors ta'l-istqarrija tieghu kif ukoll mis-sottomissjonijiet maghmula f'ismu.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar ricettazzjoni.

Illi din l-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghal dawk dwar serq li jirrizultaw pruvati. Il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidrat

Illi r-raba imputazzjoni mighjuba kontra l-imputat hija dik dwar ir-reat kontemplat f'l-artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan l-artikolu jipprovdi hekk:

*Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entità ohra, jaghmel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew jisraqhom, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni generali perpetwa.*

Illi la darba l-imputat qed jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni huwa car li anke din l-imputazzjoni tirrizulta.

Ikkundrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fatt li r-res furtiva giet irkuprata; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta' l-imputat li hija netta. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li ai termini ta'l-artikolu 127 il-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa hija tassattiva u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li timponiha fil-konfront ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni dwar ricettazzjoni, wara li rat l-artikoli 127, 261(b)(c)(d), 263, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2). In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 127 qed tordna fil-konfront ta'l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodu fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------